# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA
## LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 3 ta' Frar 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 93/2019 BS**

**Charmaine Mifsud u Godwin Mizzi**

**-vs-**

**Godfrey Debattista**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:**

1. ILLI l-atturi flimkien bejniethom, xtraw dgħajsa minn għand [*sic*] il-konvenut tat-tip Riva Junior Boat, bin-numru tar-reġistrazzjoni Malti ittra 's' tnejn, żero, erbgħa, tnejn, sebgħa, (S 20427);

2. ILLI minkejja illi l-bejgħ ġie kompletat, u minkejja illi l-konvenut ikkonsenja d-dgħajsa lil[*l*-]atturi huwa naqas minn li jgħamel [*sic*] it-trasferiment uffiċċjali [*sic*] tagħha billi

jghaddi id-dokumentazzjoni [*sic*] relattiva u jiffirma d-dokumentazzjoni neċessarja ma′ l-Awtoritajiet [*sic*];

3. ILLI minkejja diversi interpellazzjonijiet sabeix jagħmel dan, taħt skuża jew oħra l-konvenut dejjem baqa′ inadempjenti;

4. ILLI din [*i*]l-kawża qed issir miż-żewġt atturi flimkien u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn l-attur Godwin Mizzi li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

**Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:**

(1) Tikkundanna lil[*l-*]konvenut sabiex jgħaddi id-dokumentazzjoni [*sic*] relattiva u jiffirma d dokumentazzjoni li hemm bżonn min-naħa ta′ l-Awtoritajiet [*sic*] relattivi għat-trasferiment minnu lil[*l-*]atturi tad-dgħajsa tat-tip Riva Junior Boat, bin-numru tar-reġistrazzjoni S 20427;

(2) Tiffissa terminu qasir u perentorjo [*sic*] li fih għandu jsir dan;

(3) Tinnomina kuratur għal l-eventwali [*sic*] kontumaċi sabiex fin-nuqqas illi l-konvenut jonqos illi jottempera ruħhu [*sic*] ma[′] dak mitlub fl-ewwel talba entro it-terminu [*sic*] stipulat per konsegwenzatat-tieni [*sic*] talba, jiffirma hu flok l-konvenut [*i*]d-dokumenti relattivi.

Bl-ispejjes [*sic*] kollha [*i*]nkluża VAT u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Godfrey Debattista illi eċċepixxa:**

1. ILLI preliminarjament l-esponenti ma għandu l-ebda relazzjoni ġiuridika [*sic*] mal-attriċi Charmaine Mifsud (ID 322926) hekk kif il-bejgħ in kwistjoni sar bejn l-esponenti u l-attur Godwin Mizzi (ID 33789G);

2. ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. ILLI l-bejgħ tad-dgħajsa in kwistjoni ma ġiex kompletat hekk kif il-prezz mifthiem [*sic*] bejn il-partijiet għal tali bejgħ ma ġiex imħallas fl-intier tiegħu minn Godwin Mizzi lill-esponenti, hekk kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori tal-kawża;

4. ILLI l-intimat biegħ id-dgħajsa bil-**hull number 550**, bl-isem "Shining" u bin-numru tar-Reġistrazzjoni S 20427 lil Godwin Mizzi għall-prezz ta' sebgħa u għoxrin elf u ħamest mitt [*sic*] Ewro (€27,500);

5. ILLI sal-ġurnata tal-lum Godwin Mizzi ħallas biss l-ammonti ta' tnejn u għoxrin elf Ewro (€22,000) u elf Ewro (€1,000) hekk kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori tal-kawża;

6. ILLI għalhekk Godwin Mizzi għad irid iħallas lura l-ammont ta' erbat elef u ħamest mitt [*sic*] Ewro (€4,500) lill-esponenti;

7. ILLI dan ġie ikkonfermat [*sic*] f'sentenza datata t-23 ta' Settembru tas-sena 2020 fit-talba numru 357/19 tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar li għal kull buon fini kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok GS1';

8. ILLI nonostante diversi interpellazzjonijiet sabiex jitħallas il-bilanċ tal-prezz tal-bejgħ, l-istess Godwin Mizzi baqa' inadempjenti;

9. ILLI għaldaqstant, id-dgħajsa in kwistjoni ma tistax tiġi trasferita sakemm l-imsemmija somma ta' erbat elef u ħamest mitt [*sic*] Ewro (€4,500) tiġi mħallsa;

10. SALVI eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi [*i*]nġunti in subizzjoni.

**Il-Qorti;**

**Rat** is-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-23 ta' Settembru, 2020;[1]

**Rat** li l-kawża ġiet differita billi l-partijiet kienet qed jesploraw il-possibbiltà ta' trattazzjoni;[2]

**Rat** li fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 2021, l-abbli difensur tal-konvenut iddikjara li kien ser isir qbil bejn il-partijiet li l-attur iħallas is-somma ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4,500) u b'hekk il-konvenut jiffirma t-*transfer* tad-dgħajsa;[3]

**Rat** li fis-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2021 l-abbli difensur tal-konvenut iddikjarat li tħallset biss parti mis-somma dovuta, billi l-attur ħallas is-somma ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4,500) lill-konvenut, però baqa' li jitħallsu l-ispejjeż legali;[4]

**Rat** li fis-seduta tas-7 ta' Jannar, 2022 il-Qorti ġiet infurmata li ma ntlaħaqx ftehim bejn il-partijiet;[5]

**Rat** id-dokumenti annessi mal-affidavit tal-attur Godwin Mizzi;[6]

**Ikkunsidrat:**

i) **Preliminari.**

Din il-kawża ġiet istiwita mill-atturi u qed jitolbu li l-konvenut jiġi kkundannat jgħaddi d-dokumentazzjoni kollha u jiffirma d-dokumenti neċessarji sabiex isir it-trasferiment tad-dgħajsa Riva Junior Boat bin-numru ta' reġistrazzjoni S20427. Huma jgħidu li kienu xtraw id-dgħajsa mingħand il-konvenut iżda dan naqas milli jittrasferixxi l-istess dgħajsa fuq isimhom.

Il-konvenut min-naħa tiegħu jilqa' għat-talbiet tal-atturi billi fl-ewwel lok jinsisti li n-negozju sar biss mal-attur Godwin Mizzi u mhux mal-attriċi Charmaine Mifsud. Isostni li l-ammont kollu għadu ma thallasx. Infatti jgħid illi kien hemm sentenza tat-Tribinal għal Talbiet Żgħar li kkundannat lill-attur Godwin Mizzi jħallas is-somma ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4,500) li hija il-bilanċ ta' somma akbar rappreżentanti l-prezz tad-dgħajsa. Jgħid li infatti il-prezz miftiehem kien ta' sebgħa u għoxrin elef ħames mitt ewro (€27,500). Jgħid li billi l-attur Godwin Mizzi ħallas biss is-somma ta' tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000) għad baqa' bilanċ ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4,500) x'jitħallas. Jgħid li

[1] A fol. 60 tal-proċess.
[2] A fol. 65 u fol. 66 tal-proċess.
[3] A fol. 69 tal-proċess.
[4] A fol. 70 tal-proċess.
[5] A fol. 71 tal-proċess.
[6] A fol. 76 sa fol. 89 tal-proċess.

minħabba n-nuqqas tal-ħlas tal-prezz kollu miftiehem it-trasferiment tad-dgħajsa ma jistax jsir.

**ii. Provi.**

Godwin Mizzi xehed permezz ta' affidavit.[7] Jgħid li d-dgħajsa hija tat-tip Riva Junior Boat u għandha numru ta' reġistrazzjoni S20427. Jispjega li l-prezz miftiehem kien dak ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) u dan kif jirriżulta minn dikjarazzjoni tal-konvenut tat-30 ta' Marzu, 2017.

Jispjega kif sar il-ħlas: tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) self mill-bank, tlett elef ewro (€3,000) ħlas fi flus kontanti, u trasferiment ta' żewġ karozzi Minis għal valur komplessiv ta' għaxart elef ewro (€10,000). Jgħid li dawn l-ammonti flimkien iġibu s-somma ta' ħamsa u tletin elf (€35,000) u għalhekk id-dgħajsa tirriżulta mħallsa kollha.

Jgħid ukoll li huwa għandu d-dgħajsa f'idejh billi l-konvenut għaddilu l-pussess tagħha iżda t-trasferiment formali għadu ma għamlux.

Jgħid ukoll li meta niżżel id-dgħajsa fil-baħar induna li kellha problema bil-*gearbox* għax bdiet teħel u li meta kellem lill-konvenut dan qallu li din kienet xi ħaġa li kienet tagħmilha. Jgħid li l-konvenut qatt ma kien qallu dwar dan id-difett.

Rigward is-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar jgħid li din inqatgħet kontra tiegħu għax huwa kien kontumaċi u mhux għax il-konvenut kellu raġun.

[7] A fol. 74 tal-proċess.

Jgħid ukoll li sussegwentement għas-sentenza nħareg mandat ta' sekwestru fil-konfront tiegħu u huwa ppreżenta żewġ ċedoli ta' depożitu għall-ammont indikat fis-sentenza. Sussegwentement il-konvenut żbanka l-ammonti depożitati l-Qorti, però t-trasferiment ma sarx billi l-konvenut qed jippretendi wkoll il-ħlas tal-imgħax u l-ispejjeż.

L-attriċi Charmaine Mifsud iddikjarat permezz tal-affidavit tagħhha li tikkonkordi ma' dak li ddikjara Godwin Mizzi.

Il-konvenut Godfrey Debattista xehed ukoll bil-proċedura tal-affidavit.[8] Jgħid li l-prezz miftiehem kien dak ta' sebgħa u għoxrin elf ħames mitt ewro (€27,500), minkejja li oriġinarjament kienu ftiehmu li l-prezz kellu jkun ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000). Rigward l-iskrittura li tgħid li l-prezz kellu jkun dan tal-aħħar huwa jgħid li ma kienx insista li l-ammont jiġi mibdul għax kien jafda lill-konvenut u tant hu hekk illi l-kawża istitwita quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar kienet għal bilanċ minn sebgħa u għoxrin elf ħames mitt ewro (€27,500) u mhux ħamsa u tletin elf ewro (€35,000).

Rigward il-karozzi li l-konvenut jgħid li trasferixxa favur tiegħu huwa jaċċetta li t-trasferiment sar iżda jinsisti li l-pussess fiżiku tal-karozzi qatt ma sar.

Jgħid ukoll li l-attur Godwin Mizzi għandu il-pussess tad-dgħajsa iżda ħallas biss tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000). Jgħid li l-attur iddepożita l-*maggior* parti tal-flus il-Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2021 u qabel dakinhar kien iddepożita biss mitejn ewro (€200).

[8] A fol. 93 tal-proċess.

Jikkonkludi billi jgħid li t-trasferiment ma sarx għax l-attur għadu jinsisti li ma jħallasx l-imgħax kif ordnat fis-sentenza tat-Tribunal.

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi ppreżentati fl-atti jirriżulta li l-partijiet daħlu f'negozju sabiex l-atturi jixtru dgħajsa mingħand il-konvenut. Illum il-ġurnata l-atturi għandhom il-pussess fiżiku tad-dgħajsa però l-konvenut għadu ma ffirmax id-dokumenti meħtieġa sabiex isir it-trasferiment ta' din id-dgħajsa għal fuq l-atturi. Minn banda waħda l-atturi jinsistu li l-ammont miftiehem tħallas kollu mentri l-konvenut ma jaqbilx.

Il-Qorti ser tibda biex tqis l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li n-negozju ma sarx mal-attriċi Charmaine Mifsud iżda ma' Godwin Mizzi biss. Mill-atti jirriżultaw tliet (3) dokumenti li juru li l-konvenut ftiehem mal-atturi t-tnejn fuq il-bejgħ. Dawn id-dokumenti huma żewġ dikjazzjonijiet, waħda datata 30 ta' Marzu, 2017 u l-oħra 26 ta' April, 2017 fejn il-konvenut qed jafferma illi huwa daħal f'arranġament mal-atturi t-tnejn u mhux ma' Godwin Mizzi biss.[9] Barra minn hekk tirriżulta wkoll riċevuta maħruġa mill-konvenut favur l-atturi tnejn[10]. Minkejja dawn id-dokumenti iżda, il-Qorti tinnota wkoll li l-kawża istitwita mill-konvenut quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar saret biss kontra l-attur Godwin Mizzi. Il-Qorti madankollu hija tal-fehma illi ġaladarba t-tliet (3) dokumenti ġa msemmija juri biċ-ċar illi l-attriċi Charmaine Mifsud kienet involuta fin-negozju, għaldaqstant għandha tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

---

[9] A fol. 76 tal-proċess.

Rigward il-kwistjoni tan-nuqqas ta' trasferiment tad-dgħajsa, l-konvenut jgħid li l-ammont dovut lilu għadu ma tħallasx kollu u għalhekk għadu ma ffirmax id-dokumenti meħtieġa biex it-trasferiment iseħħ. Fuq il-prezz ġew esibiti dokumenti li juru li l-prezz kien ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) mentri l-konvenut jgħid li dak il-ftehim kien sorpassat b'ieħor fejn il-prezz niżel għal sebgħa u għoxrin elf ħames mitt ewro (€27,500). Infatti fil-kawża minnu istiwita kontra l-attur Godwin Mizzi, il-konvenut iddikjara li l-prezz kien ta' sebgħa u għoxrin elf ħames mitt ewro (€27,500).

Il-Qorti fliet l-atti u minn dak li jirriżulta huwa ċar li llum il-ġurnata il-prezz huwa saldat kollu billi l-konvenut żbanka l-ammont li ġie depożitat mill-atturi fl-ammont ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4,500). Irid jingħad illi din is-somma ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4500) kienet is-somma li t-Tribunal għal Talbiet Żgħar iddeċieda fis-sentenza tiegħu tat-23 ta' Settembru, 2020, li kienet dovuta mill-attur Godwin Mizzi, lill-konvenut Godfrey Debattista bħala bilanċ mill-prezz tad-dgħajsa mibjugħa lilu. Issa huwa minnu li l-atturi jgħidu li l-ammont maqbul kien ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) u li dan tħallas kollu, madankollu din il-Qorti tosserva li huma ddepożitaw permezz ta' ċedola ta' depożitu s-somma komplessiva ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4,500) wara li ġiet istiwita din il-kawża u wara s-sentenza tat-Tribunal. Barra minn hekk l-attur Godwin Mizzi kellu kull opportunità biex jikkontesta l-ammont pretiż mill-konvenut meta dan tal-aħħar ipproċeda bil-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, iżda huwa għazel li ma jiddefendix ruħu minkejja li kien notifikat bl-atti. Ma jistax issa permezz tal-

[10] A fol. 78 tal-proċess.

proċeduri odjerni jqajjem argumenti li ġew deċiżi u li llum jagħmlu stat bejn il-partijiet.

Sta di fatt li l-ammont kollu pretiż mill-konvenut *qua* prezz tad-dgħajsa jirriżulta li hu mħallas. Tant hu hekk li fis-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2021 l-abbli difensur tal-konvenut iddikjarat li s-somma ta' erbat elef ħames mitt ewro (€4,500) tħallset kollha, però l-imgħaxijiet u l-ispejjeż tal-kawża ma tħallsux. Il-konvenut jisħaq li t-trafseriment għadu ma sarx għax l-atturi qed jinsistu li ma għandhomx iħallsu l-imgħax u l-ispejjeż. Id-deċizjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, iżda kienet ċara u l-attur Godwin Mizzi fil-kawża odjerna, ġie kkundannat minn dak it-Tribunal biex minbarra l-ħlas ta' erbat elef ħamest mitt ewro (€4,500) jħallas ukoll l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża sal-ħlas effettiv, kif ukoll l-ispejjeż ta' dik il-kawża. Dan ifisser li l-atturi għad baqgħalhom x'jagħtu lill-konvenut.

Tenut kont ta' dan kollu t-talbiet tal-atturi ma jistgħux jiġu milqugħa billi n-nuqqas da parti tagħhom biex iħallsu dak ordnat mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar qed iservi ta' ostakolu sabiex it-talbiet tagħhom jirnexxu.

**Decide:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għall-motivi ġa espressi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet tal-atturi in toto.

Spejjeż tal-kawża għall-atturi in solidum.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur